2	Mobile	George Scicluna - PC 34	Gozo	01/09/2025
2	Backpack, mobile, nuċċali tax-xemx	Marvic Sultana	Gozo	25/08/2025

Nru. tal-Pubblikazzjoni *Publication Number*	Oġġett/i *Object/s*	Isem ta' min sab l-oġġetti *Name of finder*	Reġjun *Region*	Data *Date*
2	Kartiera, flus	Denis Camilleri	Gozo	22/08/2025
2	Mobile	Jason Xerri	Gozo	20/08/2025
2	Kartiera	Paul Borg	Gozo	23/07/2025
2	Kartiera, flus	Patrick Refalo	Gozo	12/08/2025
2	Mobile	Michael Said	Gozo	12/08/2025
2	Mobile	Asqeri Peshku	Gozo	04/08/2025
2	Ċurkett	Anne Marie Karine Michaut	Gozo	01/08/2025
2	Arloġġ tal-idejn	Nicholas Gouws	Gozo	30/07/2025
2	Handbag	Bradley Vella	Gozo	16/09/2025
2	Pendent	Josephine Azzopardi	Gozo	24/07/2025
2	Drone	Jordan Howard Alden	Gozo	03/07/2025
2	Flus	Dennis Camilleri	Gozo	03/07/2025
2	Mobile	Ivan Samoshko	Gozo	12/08/2025
2	Arloġġ tal-idejn	Jake Vella	Gozo	19/09/2025

It-2 ta' Jannar, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 220 tal-2025

Kanċellazzjoni ta' Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 10 tal-2020, Avviż Lokali lill-Baħħara Nri 49, 181 u 188 tal-2023, u Avviż Lokali lill-Baħħara Nri 8 u 111 tal-2024 – Proġett tal-Breakwater ta' Buġibba

B'referenza għal BA chart 211 – Il-Bajja ta' San Pawl

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinnotifika lill-baħħara li l-Avviżi Lokali lill-Baħħara li ġejjin m'għadhomx meħtieġa, peress li l-proġett (fejn huwa involut il-baħar) tlesta.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 10 tal-2020 huwa b'dan ikkanċellat.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 49 tal-2023 huwa b'dan ikkanċellat.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 181 tal-2023 huwa b'dan ikkanċellat.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 188 tal-2023 huwa b'dan ikkanċellat.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 8 tal-2024 huwa b'dan ikkanċellat.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 111 tal-2024 huwa b'dan ikkanċellat.

It-2 ta' Jannar, 2026

2nd January, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 220 of 2025

Cancellation of Local Notice to Mariners No. 10 of 2020, Local Notice to Mariners Nos 49, 181 and 188 of 2023, and Local Notice to Mariners Nos 8 and 111 of 2024 – Buġibba Breakwater Project

Reference is made to BA chart 211 – Il-Bajja ta' San Pawl

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the following Local Notices to Mariners are no longer required, since the project (where the sea is involved) has been completed.

Local Notice to Mariners No. 10 of 2020 is hereby cancelled.

Local Notice to Mariners No. 49 of 2023 is hereby cancelled.

Local Notice to Mariners No. 181 of 2023 is hereby cancelled.

Local Notice to Mariners No. 188 of 2023 is hereby cancelled.

Local Notice to Mariners No. 8 of 2024 is hereby cancelled.

Local Notice to Mariners No. 111 of 2024 is hereby cancelled.

2nd January, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 221 tal-2025

Kanċellazzjoni ta' Avviż Lokali lill-Baħħara Nri 13 u 21 tal-2025 – Tneħħija ta' bastimenti mill-parti ta' ġewwa tad-Daħla tal-Imsida fil-Port ta' Marsamxett

B'referenza għall-BA chart 177 – Valletta Harbours

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li l-Avviżi Lokali lill-Baħħara li ġejjin m'għadhomx meħtieġa, peress li l-proġett (fejn huwa involut il-baħar) tlesta.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 13 tal-2025 huwa b'dan ikkanċellat.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 21 tal-2025 huwa b'dan ikkanċellat.

It-2 ta' Jannar, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 222 tal-2025

Kanċellazzjoni ta' Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 17 tal-2025 – Bastiment nofsu mgħarraq fil-Ponta tal-Qrajten fil-Port ta' Marsaxlokk – Periklu għan-Navigazzjoni

Issir referenza għal BA chart 36 – Marsaxlokk

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li l-bastiment nofsu mgħarraq fil-Ponta tal-Qrajten fil-Port ta' Marsaxlokk, imsemmi f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 17 tal-2025, fil-pożizzjoni approssimattiva:

Latitudni (T)	*Lonġitudni (L)*
35° 50'.143	014° 32'.749

issa tneħħa.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 17 tal-2025 huwa b'dan ikkanċellat.

Chart affettwata: BA 36

It-2 ta' Jannar, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 221 of 2025

Cancellation of Local Notice to Mariners Nos 13 and 21 of 2025 – Removal of vessels from inner part of Id-Daħla tal-Imsida in Marsamxett Harbour

Reference is made to BA chart 177 – Valletta Harbours

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the following Local Notices to Mariners are no longer required, since the project (where the sea is involved) has been completed.

Local Notice to Mariners No. 13 of 2025 is hereby cancelled.

Local Notice to Mariners No. 21 of 2025 is hereby cancelled.

2nd January, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 222 of 2025

Cancellation of Local Notice to Mariners No. 17 of 2025 – Semi-submerged vessel at Il-Ponta tal-Qrajten in the Marsaxlokk Harbour – Hazard to Navigation

Reference is made to BA chart 36 – Marsaxlokk

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the semi-submerged vessel at Il-Ponta tal-Qrajten in Marsaxlokk Harbour mentioned in Local Notice to Mariners No. 17 of 2025 in the approximate position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 50'.143	014° 32'.749

has now been removed.

Local Notice to Mariners No. 17 of 2025 is hereby cancelled.

Chart affected: BA 36

2nd January, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 223 tal-2025

Xogħlijiet ta' tħammil barra mill-Magħluq fil-Bajja ta' Marsaxlokk

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se jsir tħammil barra mill-Maghluq fil-Bajja ta' Marsaxlokk.

It-tħammil se jibda nhar it-Tnejn, 5 ta' Jannar, 2026, u jitlesta sal-Ġimgħa, 31 ta' Lulju, 2026, fiż-żona ffurmata mill-punti A, B, C u D, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-dgħajjes u l-irmiġġi kollha f'din iż-żona għandhom jitneħħew sal-Ħamis, 15 ta' Jannar, 2026, u ż-żona għandha tibqa' libera sakemm jitlestew ix-xogħlijiet.

Id-dgħajjes u l-irmiġġi li jitħallew fiż-żona wara d-data stipulata jitneħħw a ispejjeż ta' sidhom. L-Awtorità ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara li tista' tiġi kkawżata waqt it-tneħħija tad-dgħajjes u l-irmiġġi.

It-Tnejn, 5 ta' Jannar, 2026, se jibda tħammil fiż-żoni msemmija hawn fuq fejn m'hemmx dgħajjes marbuta, u nhar il-Ħamis, 15 ta' Jannar, 2026, it-tħammil ikompli fiż-żoni kollha msemmija hawn fuq.

	Latitudni (N)	*Lonġitudni (E)*
A	35° 50'.350	014° 32'.741
B	35° 50'.369	014° 32'.693
C	35° 50'.437	014° 32'.733
D	35° 50'.419	014° 32'.781

It-tħammil se jsir mill-Gold Dredger li se jkun assistit mill-bastimenti Moorsman, Goldfinder, Bezz II u Paulus.

Matul iż-żmien kollu tax-xogħlijiet, se titpoġġa silt curtain madwar id-dredger, għalhekk għandha tinżamm distanza ta' sigurtà ta' 20m mid-dredger u mill-bastimenti li jassistu, f'kull ħin.

Il-baħħara u l-operaturi tal-bastimenti għandhom jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jkunu fil-viċinanza. Huma għandhom jikkoperaw mal-kuntrattur fuq il-post.

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 223 of 2025

Dredging works outside of Il-Magħluq at Il-Bajja ta' Marsaxlokk

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that dredging will be carried out outside Il-Maghluq at Il-Bajja ta' Marsaxlokk.

The dredging will start on Monday, 5th January, 2026, and will be completed by Friday, 31st July, 2026, within the area formed by joining the points A, B, C and D, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

All vessels and moorings lying in this area are to be removed by Thursday, 15th January, 2026, and the area kept clear, until works are completed.

Any vessels and moorings that are left in the area after the stipulated date will be removed at the expense of their owner. No liability whatsoever will be accepted by the Authority for any damage that may be caused while removing the said vessels and moorings.

On Monday, 5th January, 2026, dredging will start in the abovementioned area where no vessels are moored, and on Thursday, 15th January, 2026, dredging will continue within all the abovementioned area.

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 50'.350	014° 32'.741
B	35° 50'.369	014° 32'.693
C	35° 50'.437	014° 32'.733
D	35° 50'.419	014° 32'.781

The dredging will be carried out from the Gold Dredger which will be assisted by the vessels Moorsman, Goldfinder, Bezz II and Paulus.

Throughout the duration of the works, a silt curtain will be laid round the dredger, therefore a safety distance of 20m from the dredger and the assisting vessels involved is to be kept at all times.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, proceed with caution, and at slow speed (no wake) when navigating close to the above indicated area. They are to co-operate with the contractor on site.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 14 u/jew 16, minn Marsaxlokk VTS u minn kwalunkwe uffiċjali tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 36

It-2 ta' Jannar, 2026

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 8 ta' Jannar, 2026.

Avviż Nru 36. Bejgħ tale quale ta' sit u struttura fi Sqaq l-Imnieqa, in-Naxxar, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2025_1114_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,378 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u sebgħa u tletin elf u tmien mitt ewro (€137,800) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 37.Għotja b'ċens temporanju għall-perjodu ta' ħamsin (50) sena għall-fond kummerċjali tale quale bl-arja mhux inkluża f'Nru. 145, Triq San Ġorġ, San Ġiljan kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2005_275. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €20,940 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitt elef u disa' mija u tmenin ewro (€6,980) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta

Avviż Nru 38. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale fi Triq il-Qarnit u Triq il-Marfa, il-Mellieħa, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2024_0752_A. Din il-proprjetà hija suġġetta għal aċċess pubbliku bejn Triq il-Qarnit u Triq il-Marfa jeskludi l-ewwel livell minn Triq il-Marfa u s-sulari ta' fuq. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlieta u ħamsin elf u seba' mija u tmienja u għoxrin ewro (€53,728) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 14 and/or 16, by Marsaxlokk VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 36

2nd January, 2026

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 8th January, 2026.

Advt No. 36. Sale tale quale of a site and structure Sqaq l-Imnieqa, Naxxar, as shown edged in red on the plan P.D.2025_1114_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,378 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and thirty-seven thousand and eight hundred euro (€137,800) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No.No. 37. Grant on a temporary emphyteusis for a period of fifty (50) years of the commercial premises tale quale without its own airspace at No. 145, Triq San Ġorġ, San Giljan as shown edged in red on the plan P.D. 2005_275. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €20,940. Offers below the amount of six thousand and nine hundred and eighty Euros (€6,980) per annum will not be accepted. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 38. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the site tale quale at Triq il-Qarnit and Triq il-Marfa, Mellieħa, as shown in red on the plan P.D. 2024_0752_A. This property is subject to a public access between Triq il-Qarnit and Triq il-Marfa and excluding level 1 from Triq il-Marfa and overlying floors. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of fifty-three thousand and seven hundred and twenty-eight euro (€53,728) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

It-2 ta' Jannar, 2026

KUNSILL LOKALI TAL-PIETÀ

Il-Kunsill Lokali Tal-Pietà jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Tal-Pietà sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Frar, 2026 għal:

Avviż Nru PTA/LC/03/2025. Żamma ta' Torpedo Depot Garden bl-użu ta' materjali u prattiki li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, għall-Kunsill Lokali Tal-Pietà.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS min fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-2 ta' Jannar, 2026

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

2nd January, 2026

TAL-PIETÀ LOCAL COUNCIL

The Tal-Pietà Local Council notifies that:

Tenders will be received through ePPS, up to 10.00 a.m. on Friday, 6th February, 2026, for:

Advt No. PTA/LC/03/2025. Upkeep of Torpedo Depot Garden using environmentally friendly materials and practices for the Tal-Pietà Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

2nd January, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1

B'digriet tal-24 ta' Diċembru, 2025, mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Ċivili (Kap.12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn 35º14º Capital SCC plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C105417, taġixxi għan-nom ta' Cell Couros fil-15 ta' Diċembru, 2025, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €145,000 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 37/24 fl-ismijiet 35˚14˚ Capital SCC plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C105417 vs Carlos Aquilina

By a Decree of the 24th December, 2025, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according the Article 338 (1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by 35º14º Capital SCC plc with the registration number C105417, acting on behalf of Cell Couros on the 15th December, 2025, approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €145,000 following judicial sale by auction 37/24 in the names 35°14° Capital SCC plc with the registration number C105417 vs

(KI 0500489M) miżmum taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fid-9 ta' Diċembru, 2025.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-Tlieta, 30 ta' Diċembru, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar- Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Carlos Aquilina (ID 0500489M) held under the Authority of the said Court on the 9th December, 2025.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts this Tuesday, 30th December, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-18 ta' Diċembru, 2025, u dan wara Rikors b'numru 1253/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jeffetwa l-korrezzjoni mitluba fuq l-Att tat-Twelid bin-numru 4958/2021, sabiex kunjom il-minuri jiġi korrett minn 'Ul-Haque' għal 'Ul Haque', u għal fini ta' uniformità u korrettezza, qed tordna wkoll il-korrezzjoni tal-kunjom tal-missier fuq l-Att tat-Twelid numru 4958/2021 biex ukoll il-kunjom tal-missier jiġi korrett minn 'Ul-Haque' għal 'Ul Haque'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn 22 ta' Diċembru, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 18th December, 2025, and upon an application numbered 1253/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to effect the requested correction on the Act of Birth number 4958/2021 so that the minor's surname is corrected from 'Ul-Haque' to 'Ul Haque', and, for the purposes of uniformity and correctness, also to order the correction of the father's surname on the Act of Birth number 4958/2021 so that the father's surname is likewise corrected from 'Ul-Haque' to 'Ul Haque'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 22nd December, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

3

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-21 ta' Ġunju, 2024, fuq talba ta' Jesmond Bugeja ġie ordnat biex tappunta kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarji mhux magħrufa

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 21st June, 2024, following a request of Jesmond Bugeja it was ordered to appoint deputy curators to represent the unknown

u lill-eredi mhux magħrufa tas-subdirettarji l-aħwa Carmelo, Agostino, u Salvatore Bezzina u oħthom Giovanna Vella, fl-atti taċ-ċedola numru 1300/2024, fl-ismijiet Jesmond Bugeja vs Tower Estates Limited u Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1300/2024 fl-ismijiet Jesmond Bugeja, divorzjat, bin John Bugeja u Jane Bugeja née Parascandolo, imwieled Bormla fl-10 ta' Mejju, 1966, u residenti Ħal Luqa, (200566M) vs Tower Estates Limited reġistrata mar-Reġistru tal-Kumpaniji bl-ittra 'C' numru tlettax -il elf, tliet mija u ħamsin (C13350) u fil-preżent l-uffiċju reġistrat tagħha qiegħed Tower Estates Ltd, Triq Ċensu Farrugia, L-Imsida bħala d-direttarja tal-maħżen li kien aċċessibbli minn triq privata li tiżbokka f'Ħofra Lane, l-Imsida, kontrada Misraħ il-Barrieri u tat-tmien (8) korpijiet ta' appartamenti, li minnhom erba' (4) korpijiet għandhom dħul minn Triq l-Irmiġġ u l-erbgħa (4) korpijiet l-oħra għandhom dħul minn Triq Ċensu Farrugia li ġew mibnija fuq il-porzjon ta' art fl-Imsida, imsejħa Ta' Misraħ il-Barrieri, tal-kejl kumplessiv ta' ċirka 1,299.76m² u kuraturi deputati biex jirrappreżentaw sidien mhux magħrufa tad-dirett dominju u l-eredi mhux magħrufa tas-subdirettarji l-aħwa Carmelo, Agostino u Salvatore Bezzina u oħthom Giovanna Vella tal-għalqa msejħa 'Ir-Razzett tal-Ħofra' , fil-kontrada Misraħ il-Barrieri, l-Imsida, tal-kejl kumplessiv ta' ċirka 1,686.18m² ippreżentat fl-14 ta' Ġunju, 2024, fejn Jesmond Bugeja (200566M) jesponi bir-rispett:

Illi l-esponent Jesmond Bugeja huwa s-sid tal-appartament numru wieħed (1), sitwat fil-groundfloor level u formanti parti minn Blokk ta' appartamenti, mhux uffiċjalment immarkat bin-numru erbgħa ittra 'A' (4A) u jġib l-isem ta' 'Costa Esmeralda', Triq Ċensu Farrugia, L-Imsida, Malta, kif suġġett għaċ-ċens annwu, perpetwu u mhux rivedibbli ta' €11.65 pagabbli in parti lil Tower Estates Limited u in parti lil sidien mhux magħrufa kif se jiġi spjegat aktar 'l isfel, mill-bqija liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu;

Illi l-esponent Jesmond Bugeja akkwista l-appartament deskritt fil-paragrafu 1 hawn fuq permezz ta' kuntratt redatt fl-atti tan-Nutara Dott. Katia Farrugia Cachia tas-26 ta' April, 2024 (Kopja tal-kuntratt relattiv hawn anness u mmarkat bħala Dok. A);

Illi ma' din iċ-ċedola qiegħda tiġi wkoll annessa pjanta tal-proprjetà in kwistjoni u mmarkata bħala Dok. B;

direct owners and the unknown heirs of the sub-direct owners the siblings Carmelo, Agostino, and Salvatore Bezzina and their sister Giovanna Vella, in the acts of the schedule of deposit number 1300/2024, in the names Jesmond Bugeja vs Tower Estates Limited and Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts:

By means of a schedule of deposit and contextual redemption of groundrent number 1300/2024 in the names Jesmond Bugeja, divorced, son of John Bugeja and Jane Bugeja née Parascandolo, born in Cospicua on the 10th May, 1966, and residing at Ħal Luqa, (200566M) vs Tower Estates Limited registered with the Registry of companies with the letter 'C' number thirteen thousand, three hundred and fifty (C13350) and at present its registered office is Tower Estates Ltd, Triq Ċensu Farrugia, Msida as the owner of the warehouse which was accessible from a private road which abuts in Ħofra Lane, Msida, in the limists of Misraħ il-Barrieri and of eight (8) apartment blocks, of which four (4) blocks have an entrance from Triq l-Irmiġġ and the remaining four (4) blocks have an entrance from Triq Censu Farrugia which were built on the portion of land in Msida, known as Ta' Misraħ il-Barrieri, measuring approximately 1,299.76m² and deputy curators to represent the unknown owners of the direct dominium and the unknown heirs of the sub-direct owners siblings Carmelo, Agostino and Salvatore Bezzina and their sister Giovanna Vella of the field known as 'Ir-Razzett tal-Ħofra', in the limits of Misraħ il-Barrieri, Msida, together covering an area of about 1,686.18m² filed on the 14th June, 2024, whereby Jesmond Bugeja (200566M) respectfully submitted:

That the applicant Jesmond Bugeja is the owner of apartment number one (1), situated at ground floor level and forming part of a block of apartments, unofficially marked with number four letter 'A' (4A) and bears the name 'Costa Esmeralda', Triq Ċensu Farrugia, Msida, Malta, as subject to the annual groundrent, perpetual and non-revisable of €11.65 payable in part to Tower Estates Limited and in part to unknown owners as shall be explained hereunder, otherwise free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

That the applicant Jesmond Bugeja acquired the apartment described in paragraph 1 above by means of a contract drawn up in the records of Notary Dr Katia Farrugia Cachia of the 26th April, 2024 (copy of the relative contract hereby attached and marked as Doc. a); A;

That with this schedule of deposit a plan of the property in question is being attached and marked as Doc. B;

Illi l-art fejn ġie mibni l-Blokk deskritt fil-paragrafu 1 hawn fuq tifforma parti minn art akbar mit-territorju ta' Misraħ il-Barrieri sitwat fl-Imsida, u li minn riċerka intensiva li saret irriżulta li r-rata taċ-ċens u subċens annwu u perpetwu komplessiv ta' ħdax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) gravanti l-appartament deskritt fil-paragrafu 1 hawn fuq huwa in parti pagabbli lis-soċjetà kummerċjali Tower Estates Limited u in parti lil sidien mhux magħrufa tad-dirett dominju u l-eredi mhux magħrufa tas-subdirettarji l-aħwa Carmelo, Agostino, u Salvatore Bezzina u oħthom Giovanna Vella tal-għalqa msejħa 'Ir-Razzett tal-Ħofra', kontrada Misraħ il-Barrieri, L-Imsida, tal-kejl kumplessiv ta' ċirka 1,686.18m²;

That the land where the Block described in paragraph 1 above was built forms part of a larger land of Misraħ il-Barrieri situated in Msida, and that from intensive research carried out it resulted that the rate of the annual and perpetual groundrent and sub-groundrent of eleven euro and sixty five cents (€11.65) regarding the apartment described in paragraph 1 above is in part payable to the commercial company Tower Estates Limited and in part to the unknown owners of the direct dominium and the unknown heirs of the sub-direct owners siblings Carmelo, Agostino, and Salvatore Bezzina and their sister Giovanna Vella of the field known as 'Ir-Razzett tal-Ħofra', in the limits of Misraħ il-Barrieri, Msida, measuring overall about 1,686.18m²;

Illi preżenzjalment, mhux possibbli għall-esponent illi jottjeni informazzjoni dwar l-identità tad-direttarji u tas-subdirettarji l-aħwa Carmelo, Agostino u Salvatore Bezzina u oħthom Giovanna Vella u/jew tal-eredi tagħhom, u wisq inqas huwa magħruf jekk dawn il-persuni għadhomx ħajjin u/jew jirrisjedux hawn Malta;

That presently, it is not possible for the interpellant to obtain information regarding the identity of the owners and sub-owners the siblings Carmelo, Agostino and Salvatore Bezzina and their sister Giovanna Vella and/or their heirs, and much less it is known whether these persons are still alive and/or reside here in Malta;

Illi l-esponent, bid-dritt mogħti lilu permezz tal-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili, jixtieq jifdi c-ċens u s-subċens gravanti fuq l-appartament deskritt fil-paragrafu 1 hawn fuq, u għal dan il-għan, huwa qiegħed jintavola kontestwalment mal-preżenti ċedola, rikors għall-ħatra ta' kuraturi sabiex jirrappreżentaw lis-sidien injoti tad-dritt dominju u tas-subdirett dominju tal-appartament hawn fuq imsemmi;

That the applicant, with the right given to him by means of Article 1501 of the Civil Code, wishes to redeem the groundrent and sub-groundrent burdening the apartment described in paragraph 1 above, and for this purpose, he is filing together with the present schedule of deposit, an application for the appointment of curators to represent the unknown owners of the right dominium and sub-direct dominium of the apartment above mentioned;

Illi c-ċens u s-subċens annwu u perpetwu ta' ħdax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) kapitalizzat bil-ħamsa fil-mija (5%) jammonta għal mitejn u tlieta u tletin ewro (€233);

That the annual and perpetual ground rent and sub-ground rent of eleven euro and sixty five cents (€11.65) capitalised at five percent (5%) amounts to two hundred and thirty three euro (€233);

Illi, għal kull bon fini, l-esponent sejjer ukoll permezz tal-preżenti jiddepożita s-somma ta' tmienja u ħamsin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmi (€58.25) ekwivalenti għall-aħħar ħames snin ċens u subċens annwu u perpetwu;

That, for all intents and purposes, the applicant is also depositing by means of this present the sum of fifty eight euro and twenty five cents (€58.25) equivalent to the last five years annual and perpetual groundrent and sub-groundrent;

Illi ma huwiex magħruf kemm hu l-ammont eżatt ta' ċens u subċens li huwa dovut lis-soċjetà kummerċjali Tower Estates Limited kif ukoll l-ammont eżatt li huwa dovut lid-direttarji u lis-subdirettarji l-aħwa Carmelo, Agostino u Salvatore Bezzina u oħthom Giovanna Vella u/jew lill-eredi tagħhom;

That it is not known how much is the exact amount of groundrent and sub-groundrent that is due to the commercial company Tower Estates Limited as well as the exact amount that is due to the direct owners and sub-direct owners the siblings Carmelo, Agostino and Salvatore Bezzina and their sister Giovanna Vella and/or their heirs;

Għaldaqstant, l-esponent qiegħed jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qiegħed jiddepożita

Thus, the applicant is calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the sum of two hundred

s-somma ta' mitejn u wieħed u disgħin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€291.25) konsistenti inkwantu għas-somma ta' mitejn u tlieta u tletin ewro (€233) rappreżentanti l-fidwa taċ-ċens u s-subċens biex tiġi liberament żbankata bi qbil bejn is-soċjetà kummerċjali Tower Estates Limited u l-kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lid-direttarji u lis-subdirettarji hawn fuq indikati wara li jħallu d-debita riċevuta, filwaqt li s-somma ta' tmienja u ħamsin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmi (€58.25) rappreżentati l-arretrati tal-aħħar ħames snin ċens u subċens ukoll pagabbli lis-soċjetà kummerċjali Tower Estates Limited u lis-sub-direttarji hawn fuq indikati, u dan wara li titħalla d-debita riċevuta.

Mittenti: Cape Residence, Blk 10, Flat 1012, Triq Patri Indrì Schembri, Hal Luqa

Notifika: Direttur Reġistru Pubbliku, Identità, 126, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

Reġistratur tal-Artijiet, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Tower Estates Limited, Triq Ċensu Farrugia, L-Imsida

Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Audrey Demicoli, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 21 ta' Ġunju, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Jannar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

and ninety-one euro and twenty-five cents (€291.25) consisting as for the sum of two hundred and thirty-three euro (€233) representing the redemption of groundrent and sub-groundrent to be freely withdrawn by agreement between the commercial company Tower Estates Limited and deputy curators to represent the direct owners. and the sub-owners above indicated after leaving the relative receipt, whilst the sum of fifty eight euro and twenty five cents (€58.25) represented the arrears of the last five years groundrent and sub-groundrent also payable to the commercial company Tower Estates Limited and the sub-owners above indicated, and this after leaving the relative receipt.

Applicant: Cape residence, Blk 10, Flat 1012, Triq Patri Indrì Schembri, Luqa

Notification: Director Public Registry, Identità, 126, Triq l-Arċisqof, Valletta

Land Registrar, Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta

Tower Estates Limited, Triq Ċensu Farrugia, Msida

Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of the Hon. Madam Justice Audrey Demicoli, LLD, doctor of Laws.

Today 21st June, 2024

Registry of the Superior Courts, today 2nd January, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603